MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 235/2011

**Gianluca Scala**

**vs**

**Palazzo Events Limited (C 37746)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-attur kif ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Lulju 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) rapprezentanti din is-somma bilanc minn somma akbar dovuta mis-socjeta' konvenuta lill-attur skond ftehim ezistenti bejn il-partijiet (Dok A) u li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex taghmel dan, hija baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-interessi mit-30 ta' Gunju 2010 kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta li gietipprezentata fit-2 ta' Dicembru 2011 fejn eccepiet:

*1. "Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*
*2. Illi in fatti l-ftehim esebit mir-rikorrenti huwa milqut bi zball u ingann in kwantu meta sar dak il-ftehim l-esponenti kien zamm fil-mistur li fil-fatt kien debitur taghhom.*
*3. Illi in fatti jirrizultaw fost affarijiet ohra li a) Is-socjeta' esponenti kienet tat lir-rikorrenti erbat elef Ewro (€ 4,000) sabiex dan ihallas xi penali liema penali qatt ma thallas u qatt ma kien dovut. b) ir-rikorrenti tellgha kont ghall-uzu ta' mobile phone ta' tmint elef Ewro (€ 8,000) u dana f'disa' xhur u s-socjeta' esponenti kellha thallas din is-somma meta ma kinitx responsabbli ghal dan il-hlas c) ir-rikorrenti ghamel diversi hsarat fil-flat mikri lilu u ghalhekk is-socjeta' esponenti tilfet id-depositu li kienet ghamlet ma' terzi ghan-nom tieghu fil-flat.*
*4. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta li fil-fatt is-socjeta' eseponenti hija kreditrici tar-rikorrenti u ma ghandha thallas xejn.*
*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni ta' l-atturi in subizzjoni."*

**Charles Cassano,** prodott mill-attur, xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 in rapprezentanza tas-socjeta' Euromed Limited. Huwa spjega li fiz-zmien din is-socjeta' kienet taghti xi servizzi lil Palazzo Events Limited. Ix-xhud qal li l-attur Gianluca Scala jafu peress li kien gie ngaggat mis-socjeta' konvenuta u dan sabiex jaghmel ix-xoghol ta' General Manager fil-post maghruf bhala Palazzo Parisio, u naf li kien dam hemmhekk ghal kwistjoni ta' xhur u mbaghad ghal xi raguni jew ohra l-impjieg tieghu kien gie terminat. Muri ftehim li huwa datat 3 ta' Marzu 2010 esebit fl-atti a fol. 2 u mmarkat bhala dokument A, qal li fuq dan il-ftehim hemm il-firma tieghu. Huwa spjega li dan kien ftehim li kien innegozja mal-partijiet, cioe' bejn Gianluca Scala u s-sinjura Christine Ramsey Scicluna ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, u dan bil-ghan li jigu evitati aktar polemici. Firmatarji ohra f'dan il-ftehim kienet Christine Ramsey Scicluna u Gianluca Scala stess. Fil-fatt tenna li hu kien iffirma bhala xhud tal-firem in kwistjoni. Jaf li l-

attur kellu mobile mal-GO Plc pero’ ma jafx f’isem min kien intestat. Huwa ma jafx xi dritt kellu sabiex juza dan il-mobile ghaliex ma kienx involut fil-ftehim li kellu l-istess Gianluca Scala ma’ Christine Ramsey Scicluna f’dan ir-rigward.

Pero’, ix-xhud ikompla jghid li l-mobile phone u l-kont tieghu kienu jaslu ghand account clerks impjegati dirett mas-socjeta’ konvenuta Palazzo Events u kienu huma li jiehdu hsieb il-hlas ta’ dawn il-kontijiet. Lanqas in-numru ta’ dan il-mobile effettivament ma jaf. Ix-xhud stqarr li l-kontijiet ta’ Palazzo Events kienu jigu mghoddija lilu sabiex jivverifikhom u fosthom kien ikun hemm kontijiet ta’ dan il-mobile phone ghaliex kienu jarawhom bhala eccessivi. Huwa jiftakar li kien talab statement dettaljat minghand il-GO, kien ghamel l-analazi tieghu u dan sabiex ikun jista’ jiddistingwi bejn calls privati u dawk li saru in konnessjoni mal-kumpanija. Effettivament kien wasal ghal breakdown u kien ghaddih  direttament lis-socjeta’ Palazzo Events Limited. Kien ghaddih lis-sinjura Pergola u zewgha, li huma l-Managing Directors tal-kumpanija Palazzo Events Limited.

Ix-xhud ikkonferma li kienu damu xi xahar sabiex ikkonkludew dan il-ftehim bejn il-baronessa Christine Ramsey Scicluna u Gianluca Scala, u cioe’ dak esebit fl-atti a fol. 2 u dan peress li kien hemm xi zmien meta l-baronessa kienet imsiefra. Spjega li kien izomm in-negozjati kemm mal- Baronessa kif ukoll ma’ Gianluca Scala pero’ dan indipendentement minn xulxin. L-involviment tieghu ma’ Palazzo Parisio kien li jassisti lis-socjeta’ fis-sistemi tal-accounting taghhom kif ukoll certu sistemi ta’ amministrazzjoni u dan skont ma jigi mitlub u dan peress li huwa accountant. L-ezercizzju tieghu dwar il-mobile naturalment sar wara, meta nqala’ l-inkwiet bejniethom. Il-ftehim in kwistjoni kien diga’ gie ffirmat bejniethom. Mistoqsi jekk kienx hemm xi kwistjonijiet ohra bejn il-kontendenti apparti din tal-mobile phone wiegeb li kienet inqalghet ukoll xi kwistjoni dwar il-kera tal-post fejn kien effettivament qed jghix Gianluca Scala, izda mhux dwar il-kera attwali izda wara sar jaf ukoll  minn nies, li effettivament kienu thallew xi hsarat fil-post meta gie

rilaxxjat minn Gianluca Scala. Qal li l-post kien gie mehud mis-socjeta’ konvenuta ghal zmien twil u kien indahal f’din il-kwistjoni sabiex isir xi *amicable settlement* bil-ghan sabiex il-partijiet ma jehlux penali. Huwa waqaf jaghti servizz lil Palazzo Events fit-30 ta’ Gunju tas-sena 2010 u ghalhekk dak li effettivament kien gie konkluz f’dan ir-rigward huwa ma jafx.

Rat l-affidavit tal-attur **Gianluca Scala** pprezentat fis-seduta tad-29 ta’ Frar 2012 fejn iddikjara bl-Ingliz illi ftit tas-snin ilu huwa kien iltaqa’ ma’ Justine Pergola ghax kellhom habib Taljan komuni. F’dan iz-zmien huwa kien *food and beverage director* tal-Intercontinental Hotel hawn Malta. Justine kienet marret tfittxu fl-Intercontinental Hotel biex isibilha manager ghal Palazzo Parisio ghax taf li hu kien ilu f’dan it-tip ta’ business ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena. Huwa kien mar Palazzo Parisio b’numru ta’ ismijiet ta’ nies u hawn iltaqa’ mal-Baronessa Christiane Ramsay Scicluna. Huma qalulu illi kienu rieduh jidhol maghhom bhala general manager ghal project hotel u biex jiehu hsieb l-affarijiet tal-istaff li jistghu jinqalghu. Huma wrewh il-pjanijiet ghal boutique hotel u hu wera’ nteress ghal dan ix-xoghol.

Wara, l-attur iltaqa’ ma Dr. Sarti li hu konsulent Taljan ghall-kumpanija u tal-familja tal-Baronessa. Huwa kellu laqgha li kienet simili ghal intervista. Sussegwentament Dr. Santi, l-Baronessa u l-attur kellhom laqgha fejn iddiskutew il-kuntratt tax-xoghol. Huma ftehmu li jkollu paga ta’ erbat elef u hames mitt Ewro (€4,500) fix-xahar u ftiehmu wkoll li jhallsulu l-akkomodazzjoni. Dak iz-zmien huwa kien jghix appartament b’zewg kmamar tas-sodda fis-Swieqi imma ftehmu biex imur joqghod fi studio apartment il-Mosta. Huma tawh mobile u ftehmu li jhallsulu l-kont ta’ kull xahar. Huwa kien ghamililhom cara li kien ha jcempel lill-familja tieghu minn fuq din il-linja li tghix l-Italja. Ghalhekk huwa juza dil-linja biex icempel lill-familja tieghu u ghax-xoghol li jinkludi telefonati barra minn Malta wkoll. Infatti dahlu f’kuntratt ma’ Go Mobile u hallsulu l-kont kull xahar. Inizjalment, kienu ftehmu li jinghaqad maghhom f’Gunju tas-sena 2009 izda mbaghad rieduh jinghaqad maghhom f’April ta’ l-istess sena.

Irrizenja minn xogholu ta' l-Intercontinental u rcieva ittra ta' referenza minghand il-general manager li kellu impressjoni pozittiva hafna tieghu. Inghaqad maghhom ghalkemm ma kellux kuntratt ta' mpjieg. Fl-ahhar tax-xahar, il-paga ma dahlitlux, u tkellem ma' Dr. Sarti li qallu biex iserrah rasu ghax il-paga kienu ha jtuhielu. Fil-fatt, sussegwentement, Scala rcieva cheque ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u l-bqija kienu jigu cash. Peress li l-flus kienu qed jaslulu tard, jiftakar li nghata pagament li l-ammont tieghu ma jiftakarx bhala merhba li beda jahdem maghhom. Pero' baqa' mhasseb dwar il-fatt li ma kellux kuntratt tax-xoghol, u wkoll minhabba l-fatt li ma kienx qed jithallas b'mod regolari. Izda hu baqa jirsisti u jaghmel l-ghalmu tieghu biex jaghmel xogholu sew u ta' kwalita' gholja, u ha l-inizjattiva li jimpjega numru ta' persuni minn Hilton Venice u Hilton Malta. Meta kien qed jahdem hemm, ir-restorant ta' Palazzo Parisio ha it-titlu ta' l-aqwa restorant fid-"Definitively good restaurant guide".

Xi drabi kien jinnota numru ta' problemi, specjalment fil-cash flow deficit. Rega' kellem lil Dr. Sarti, Mr. Pergola u Baronessa Ramsay Scicluna dwar dan, u dawn tawh x'jifhem li l-progett ta' boutique hotel, ir-raguni ewlenija ghala kien dahal jahdem maghhom, ma kienx ser ikun possibli biex jitwettaq. Kellu wkoll ikellem numru ta' suppliers dwar il-problemi tal-hlas.

Gurnata minnhom, Scala ircieva telefonata minghand Charles Cassano, li dan infurmah li l-Baronessa kienet qed tkeccieh mix-xoghol minghajr ebda twissija preliminari jew notifika. Sempliciment qallu biex ma jergax imur lura ghax-xoghol mill-ghada stess. Naturalment, din kienet ta' xokk kbir ghal Gianluca Scala ghaliex hass li kien gie michud minn xoghol ghal raguni ta' xejn u minghajr l-ebda proceduri. Din kellha konsegwenzi negattivi fuq il-hajja professjonali, kif ukoll personali tieghu.

Xi jumejn jew tlieta wara, Scala iltaqa ma' Charles Cassano u nfurmah li kien ser jiftah kawza u jtella' l-kumpanija l-Qorti talli keccewh b'mod ingust. Cassano ikkonvinca lil Scala biex jipprova jasal fi ftehim mal-kumpanija qabel ma jiehu dan il-pass. Fil-fatt, huwa

nnegozja ftehim mal-Baronessa Christiane Ramsay Scicluna, li sussegwentement Scala ffirma. Il-ftehim kien li Scala jiehu pagament finali ta’ ghoxrin elf ewro (€20,000). Ircieva zewg cekkijiet ta’ hamest elef ewro (€5,000) ‘l wiehed, izda wara dawn ma rcieva xejn aktar. Scala kellem avukat u kiteb lil Palazzo Events Limited. Dawn irrispondewh b’risposta li kienu qed jirrifjutaw li jimxu skond il-kuntratt.

Scala fl-affidavit tieghu sahaq li ma jaqbel xejn ma’ dak li qed tallega s-socjeta’ konvenuta. Tenna li Palazzo Events Limited rieduh bis-sahha li jinghaqad maghhom minn xahrejn qabel il-ftehim, u jekk ir-rekords juru mod iehor, jixtieq jarahom.

Ma kellux idea kemm kien il-kont tal-mobile, izda kien lahaq ftehim mad-diretturi li seta’ juza dan il-mobile kemm ghal uzu tal-business kif ukoll dak personali. Minkejja dan, il-kuntratt gie maghmul direttament minn Palazzo Events Limited mal-Go Mobile. Il-kont kien johrog kull xahar, u l-unika persuna li kienet awtorizzata thallas dan il-kont kienet il-Baronessa Scicluna. Sakemm kien qed jahdem hemm, hadd qatt ma staqsieh dwar il-kont, jew l-uzu tieghu tal-mobile.

Rigward l-appartament, dan kien gie mikri direttament minn Palazzo Events Limited, u sakemm kien qed jghix fih, kellu problemi ma’ sid il-kera minhabba li l-hlas ma kienx qed isir regolarment. Spjegalu li l-Baronessa kienet l-unika persuna li kienet awtorizzata thallas il-kera. Fil-fatt, il-kuntratt kien jghid li Scala kellu jghix fih sa Awwissu tas-sena ta’ wara, jigifieri 2010, izda minhabba li Palazzo Events Limited kienet waqghet lura fil-pagamenti, sid il-kera qallu biex jitlaq fix-xahar ta’ Lulju minflok f’Awwissu u zamm id-deposit. L-attur qal li sakemm kien qed jghix fl-appartament, qatt m’ghamillu hsara jew vandalizmu, tant hu hekk illi sid il-kera stiednu f’daru biex isaqsih jekk huwiex interessat jikri l-appartament personalment.

Jghid li kieku ma sehhitx il-medjazzjoni bejnu u bejn Charles Cassano u l-Baroness Scicluna, huwa fetah kawza kontra Palazzo Events Limited dwar tkeccija

ingusta ghaliex din halliet effett hazin fuq hajtu professjonali, izda hu ffirma l-ftehim ghas-somma ta' €20,000 u b'hekk jistenna li l-kumpanija thallsu lura il-bilanc ta' €10,000.

Rat in-nota ta' l-attur li permezz tagha huwa pprezenta estratt tar-registru tal-Kumpaniji bid-dettalji tas-socjeta' konvenuta li giet immarkata bhala dok GS1.

**Gianluca Scala** xehed bl-Ingliz in kontro-ezami fil-15 ta' Mejju 2013 fejn ikkonferma li huwa kien joqghod f'appartament b'zewg kmamar tas-sodda fis-Swieqi u kien ihallas il-kera lil Tony Busuttil. Huwa tenna li l-Intercontinental Hotel kienet taghtih allowance. Dan l-appartament filfatt kien ghadu gdid. Huwa jiftakar li meta kien qed jinnegozja l-kuntratt ma' Palazzo Events huwa nformahom li ried jibqa' jghix is-Swieqi. Huwa qalilhom li kien kuntent fejn kien qed jghix u ried jibqa' hemmhekk. Huwa jiftakar li l-Baronessa u Dr Sardi kienu suggerixxew li kienu jippreferu li kien imur jghix fi proprjeta' ta' habib taghhom certu John Taylor. Huwa wegibhom li kien lest li jmur jara din il-proprjeta'. Filfatt huwa jiftakar li kien mar jara dan l-appartament pero' dan kien nofs id-daqs tal-appartament tas-Swieqi li kien qed jghix fih. Dan l-appartament kellu kamra tas-sodda wahda bix-shower ensuite. Peress li huwa kien qed jemmen dak li kienet qed tghidlu l Baronessa, huwa qalilha li kien lest li jitlaq mbasta jaghti n-notice lis-sid tal-appartament li kien qed jghix fih. Ghalkemm huwa ried jibqa' s-Swieqi huwa accetta li jmur f'dan l-appartament ta' Mr Taylor. Dan ma kienx konvenjenti ghalih ghax kien jigi t-tifel tieghu ghandu u kellu kamra tas-sodda wahda biss. Pero' xorta accetta.

L-attur gie muri dokument esebit a fol. 34 u kkonferma li hemm il-firma tieghu f'dan id-dokument. Dan huwa ricevuta tal-pagament li huwa rcieva bhala cash. Huwa jiftakar li meta kien gie mistoqsi minn Palazzo Parisio biex jinghaqad maghhom huwa diga' kellu mpjieg f'Malta bhala *food and beverage manager* u direttur mal-Intercontinental u kellu kuntratt ta' sentejn. Dan il-kuntratt kien jikkonsisti f'sittin elf ewro gross fis-sena u sitt elef ewro f'allowances. Kellu wkoll l-uzu tar-restorant, laundry

service u l-uzu tal-mobile phone. Kien hemm ukoll arrangament specjali biex il-familja tieghu jigu fil-hotel. Huwa sostna li kellu kuntratt tajjeb ghal sentejn u kien qed jippjana biex imur lura Ruma wara dawn is-sentejn.

Sussegwentament huwa accetta li jinghaqad ma’ Palazzo Parisio wara negozjati mal-Baronessa permezz tas-servizz ta’ Dr Sardi. Huma qablu li kellu jithallas erbat elef u hames mitt ewro fix-xahar inkluz l-uzu tal-flat il-Mosta u *phone* li kien ghall-uzu personali u ghax-xoghol kemm Malta u l-Italja. Pero’ rrizulta li huwa qatt ma nghata kopja ta’ dan il-kuntratt ghalkemm huwa xorta beda bix-xoghol. Pero’ huwa qabel ma’ Dr Sardi li peress li hu kienu ha jonqsulu hafna beneficcji li kellu mal-Intercontinental huwa ried somma ohra ta’ erbat elef ewro. Huma qablu li jaghtuhielu u filfatt l-ircevuta ta’ dan tinsab a fol 34 tal-process. L-elf ewro ndikata jirraprezentaw l-ahhar xahar kera li kellu fis-Swieqi. Huwa nghata wkoll elfejn ewro li hu parti mis-salarju tieghu ghax-xahar ta’ Mejju. Pero’ huwa nsista li kollox ikun imnizzel fil-payslip, izda Dr Sardi gab din l-ircivuta u qallu li dawn ma setghux jidhlu fil-payslip u hu ghalhekk ffirmahom. Huwa rcieva dawn il-flus indikati a fol 34 xi xahar jew xahar u nofs wara li beda jahdem maghhom.

Huwa stqarr illi dawn l-erbat elef ewro hija somma li nghatatlu apparti l-kondizzjonijiet li kien qabel fuqhom, dan mhux dokument ufficjali tal-kumpanija. Dan kien xi haga li kien talbu jaghmilha Dr Sardi. Pero’ Dr Sardi ma kellux posizzjoni ufficjali fil-kumpanija. Dawn l-erbat elef ewro ircevihom bhala pagament *ex-gratia*. Ghalkemm huwa accetta li jircievi erbat elef u hames mitt ewro fix-xahar, kull pay slip tindika li huwa kien qed jircievi elfejn. Dan l-ammont ta’ flus huwa ndikat fl-affidavit ta’ Umberto Pergola ghalkemm huwa qatt ma ltaqa’ ma’ Umberto Pergola. Huwa ltaqa’ mieghu wara sena f’zewg okkazjonijiet u kienu tkellmu fuq it-tim tal-futbol ta’ Ruma. Huwa rcieva dan il-pagament minghand Dr Sardi ghax hu kien konsulent tal-familja u ghax kellu ftehim differenti mieghu.

Huwa kkonferma li meta ffirma l-kuntratt kellu t-tfajla tieghu tghix Malta. Meta huwa ghamel referenza ghall-familja tieghu hu kien qed ifisser il-genituri tieghu, it-tifel tieghu, huh u hutu bniet. Huwa dam sena u erba’ xhur fl-appartament il-Mosta u kull xahar il-kera waslet tard u hu kellu jmur ghand John Taylor li kien jitolbu l-kera u kien jaghtih spjegazzjoni ghal dan id-dewmien. Huwa spjegalu li kollox kien jiddependi mill-firma tal-Baronessa Scicluna. Hu kkonferma illi l-fjuri li kien hemm fil-pots mietu meta kien qed jghix wahdu fil-flat u kisser xi tazzi. Huwa telaq minn dan l-appartament ghaliex John Taylor qallu li l-kera ma kinitx qed tithallas. Il-flus indikati a fol. 34 huma kollha cash. Huwa tenna li baqa’ jahdem ghalkemm kien hemm dawn il-problemi ghax kellu f’idu r-responsabbilta’ tan-nies impjegati mal-kumpanija.

Rat l-affidavit ta’ **John Taylor** li gie prezentat b’permezz ta’ nota tas-socjeta’ konvenuta fl-10 ta’ April 2013 fejn iddikjara bl-Ingliz li huwa kien gie mistoqsi minn Palazzo Events Limited biex jikkonferma certu korrespondenza rigwardanti l-appartament Studio Penthouse 5, Triq id-Delu, Mosta. Huwa kkonferma li huwa kien il-persuna responsabbli ghal dan l-appartament meta kien inkera lil Palazzo Events Limited. Anness mal-affidavit hemm kopja tar-*rental agreement*.

Ix-xhud ipprezenta flimkien mal-affidavit tieghu l-invoice finali datata 10 ta’ Settembru 2010 u ittra iffimata minn Anthony Mifsud datata 12 ta’ Settembru 2010. Huwa kkonferma li jaf bil-kontenut taghhom ghax kienu ntbaghtu fuq struzzjoni tieghu allura seta’ jikkonferma l-kontenut kollu taghhom.

Huwa tenna li meta hadu lura l-appartament indunaw li kien hemm xi hsarat. Dawn il-hsarat huma mnizzla fl-inventarju li hemm anness mal-ittra ffirmata minn Anthony Mifsud. Huwa kkonferma li d-depozitu zammewh minhabba l-hsara li hemm fil-proprjeta’.

Illi x-xhud xehed in kontro-ezami quddiem il-Perit Legali nominat mill-Qorti Dr. Daniela Mangion nhar id-29 ta’ Ottubru 2013 u x-xhieda in kwistjoni giet mahlufa mill-Perit

Legali nhar l-10 ta' Dicembru 2013. John Taylor fix-xhieda tieghu jiddikjara li Anthony Mifsud huwa sid l-istudio penthouse 5, Lucia Apartments, Triq id-Delu Mosta u huwa ghandu l-prokura sabiex jagixxi ghan-nom tieghu. Kwalsiasi profitt jew telf huwa a beneficcju jew detriment tal-istess Mifsud.

Ikkonferma li l-partijiet ghal ftehim tal-kera kienu is-socjeta' attrici u Anthony Mifsud. Huwa kien iffirma biss bhala xhud tal-identita' tal-firmatarji. Speja li qabel ma bdiet l-kirja in kwistjoni l-Barunessa Ramsey Scicluna u l-konvenut kienu marru u raw il-post u kien urihom l-inventarju tal-post mertu tal-kirja. Qal li huwa kien jispezzjona l-fond minn zmien ghal zmien u ma jafx ghaliex is-socjeta' attrici kienet waqfet il-kirja qabel iz-zmien. Il-kirja kellha tispicca fis-sena 2013 ghalkemm spiccat qabel meta inghata notice hafna qabel id-data miftehma.

Huwa esebixxa email li kien ircieva minghand Charles Cassano datata 15 ta' Gunju 2010 fejn kien gie avzat li l-kirja kellha tispicca fil-31 ta' Awwissu 2010 u possibilment fil-31 ta' Lulju 2010. Din l-email giet mmarkat bhala Dok JTI. Esebixxa wkoll ir-risposta tieghu datata 22 ta' Gunju 2010 li giet immarkata bhala Dok JT2. Il-kera kienet tithallas mis-socjeta' attrici permezz ta' cheque jew '*electronic transfer*'. Hadd ma mar jispezzjona ll-fond meta giet terminata l-kirja. Il-hsara giet identifikata minnu u minn Anthony Mifsud u giet moghtija lis-sur Cassano u lis-sur Scala. Mistoqsi jekk kienx hemm inventarju iffirmat mill-inkwilin Scala wiegeb li ma hemmx izda din qatt ma giet kontestata. Qal li fil-fatt il-valur tal-hsara gie mnaqqas mid-deposit li kien gie moghti fil-bidu tal-kirja. Id-depozitu kien ta' tmien mija u hamsin ewro u d-danni ammontaw ghal €868.48.

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta ta' l-10 ta Dicembru 2013 u cioe' li l-affidavit ta' Umberto Pergola qed jigi sfilzat b'ordni tal-Qorti u dan wara li kien hemm diversi tentattivi fejn dan l-istess xhud kien gie ingunt sabiex jattendi l-Qorti u jwigeb ghall-kontro-ezami u dan naqas li jaghmel hekk.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kawza fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2014 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi ma hemmx dubbju li din il-kawza hija bazata fuq il-kutnratt esebit fl-atti mmarkat bhala Dok A a fol. 2 tal-process. F'dan il-ftehim l-attur kien ftiehem mal-Baronessa Ramsey Scicluna ghan-nom tas-socjeta' konvenuta li kellu jithallas minghand is-socjeta' konvenuta is-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) ghas-saldu ta' kull pretensjoni li l-istess attur setgha kellu mas-socjeta' konvenuta fir-rigward ta' l-impieg li huwa kellu maghha. F'dan il-ftehim inghad li l-hlas kellu jsir f'erbgha pagamenti - l-ewwel wiehed ta' hamest elef ewro (€5,000) li sar mal-iffirmar tal-istess ftehim Dok A u l-attur halla debita ricevuta taghom, it-tieni pagament ta' hamest elef ewro (€5,000) kellu jsir fit-30 ta' April 2010, it-tielet pagament ukoll fis-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) kellu jsir fil-31 ta' Mejju 2010 u l-ahhar pgament fl-istess ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) kellu jsir fit-30 ta' Gunju 2010.

Jidher mix-xhieda tal-attur li efettivament is-socjeta' konvenuta halset biss is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) u ghalhekk ghad hemm bilanc ta' ghaxart elef ewro (€10,000) favur l-attur.

Is-socjeta' konvenuta fir-risposta taghha tghid li din is-somma mhix dovuta ghaliex hallset il-kont tal-mobile phone tal-attur liema kont kien jammonta ghal tmint elef ewro (€8,000) u hallset l-hsara li l-attur ikkaguna fl-appartament li kien gie mikri lilu.

Bhala provi pero' l-attur xehed hu stess u kkonferma dak li effettivament kien gara bejnu u bejn is-socjeta' konvenuta u kif kien beda jahdem maghha u kif eventwalment l-impieg tieghu kien gie terminat hesrem. Xehed ukoll John Taylor li kkonferma li verament l-attur kien jghix fl-apparament tieghu l-Mosta, liema appartament kien gie mikri lis-socjeta' konvenuta. Qal ukoll li s-socjeta'

konvenuta kienet responsabbli ghall-hlas tal-kera ta’ dan il-fond u kienet tkun tardiva fil-pagamenti tal-kera. Qal ukoll li effettivament is-socjeta’ konvenuta kienet ukoll itterminat il-kirja tal-appartament l-Mosta qabel iz-zmien u dan minghajr raguni ta’ xejn u minghajr pre-avviz. Qal li kien jithallas direttament minghand is-socjeta’ konvenuta u ma kellux relazzjoni mal-attur. Xehed ukoll Charles Cassano li spjega li bhala accountant kien indahal sabiex iwassal lill-partijiet fi ftehim meta kellhom disgwid bejniethom bit-tama li ma jispiccawx il-Qorti.

Illi din hija kwistjoni semplici ta’ *pacta sunt servanda.* Principju tad-dritt daqstant importanti u rilevanti ghall-fini tal-vertenza bejn il-partijiet huwa migbur fl-**Art. 993 tal-Kap.16** li jaqra hekk:

“*Il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi, w jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita’, bl-uzu jew bil-ligi*.” (ara - “**<u>Depares noe vs O’Dea noe</u>**” – A.C. - 25 ta’ Gunju 1996).

Kif tajjeb osservat il-Prim’Awla fis-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2010 fl-ismijiet ‘**<u>F. Advertising Limited (C27689) vs Francis u Antonia konjugi Grixti</u>’:**

***“****Hi disposizzjoni espressa tal-Kodici Civili fl***-artikolu 992 (1***), illi l-kuntratt hu ligi ghall-partijiet kontraenti. Jinzel minn dan il-karattru enfatiku tal-artikolu tal-ligi illi l-partijiet kienu tenuti jirrispettaw it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt, anke ghaliex "pacta sunt servanda", u l-kuntratt ma setax jimmodifika ruhu bil-volonta" unilaterali ta' xi parti*.”

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell nhar il-11 ta’ Novembru 1997 fl-ismijiet **‘<u>Eric Schembri noe vs Lewis Baldacchino</u>’** gie ritenut li:

*“Fil-fehma tal-Qorti il-qofol u l-pedament ta’ kull ligi li qatt saret biex tirregola l- konvivenza socjali bbazata fuq l-obbligazzjonijiet sa mill-bidu – u cioe’ ir-rationalis principium huwa il-pacta sunt servanda.”*

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **'Salvu Fenech vs Malta Dairy Products Limited',** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru 2003:

*"Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejneithom ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu nizluh f'dik l-iskrittura. Ghalhekk ma ghandux ikun lecitu li wiehed mill-kontraenti idahhal f'dak il-ftehim klawzoli ohra li mill-kitba ma jirrizultawx, jekk ma jkunux klawzoli sekondarji li jkunu qieghdin ifissru jew jiccaraw il-klawzoli principali."* (Appell 31.5.1943 **Farrugia vs Piscopo**)

Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **"Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et"** (Cit. Nru: 3535/96/RCP) deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

*"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".* (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi tkompli tghid din is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hawn appena citata li:-

*"Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti billi rriteniet li ma hix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu"* (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi inoltre gie deciz illi "*Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt*

*u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza **"Beacom vs Spiteri Staines" -** ibid; **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2000; **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. (RCP) 30 ta'Ottubru 2001).

Illi f'din il-kawza jirrizulta kif tajjeb qal l-attur li s-socjeta' konvenuta kienet intrabtet mieghu permezz tal-kuntratt esebit a fol. 2 Dok A li thallsu s-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu in konnessjoni mat-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu minn maghha, u minkejja dan il-ftehim, is-socjeta' konvenuta ma onoratx l-obbligi taghha naxxenti minn dan l-istess ftehim. Fl-eccezzjonijiet taghha tghid li l-ammont mhux dovut ghaliex ghamlet xi pagamenti ghan-nom tal-attur (bhal hlas ta' kontijiet dwar uzu ta' mobile phone u hlas ta' hsara fil-fond lilu mikri mill-kerrej) u li ghalhekk semmai dawn ghandhom jitnaqsu. Bir-rispett kollu pero' dawn ma jirrizultawx lill-Qorti, fil-fatt is-socjeta' konvenuta lanqas resqet provi f'dan ir-rigward.

**Ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' it-talba attrici b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) kif mitluba minnu fir-rikors promotur tieghu u dan ghall-istess ragunijiet mressqa minnu.**

**Bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta u l-interessi fuq is-somma ta' ghaxart elef ewro (€10,000) ghandhom jibdew jiddekorru min-notifika tar-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------